MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 342/2005

Kawza fil-lista: 4

**A B**
**Vs**
**C D E F G**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ April 2004 kif jindika c-certifikat anness bhala dokument A (325/2004);

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza’ Art 19(1)(a) Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra Art 19(1)(b) Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-parti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art 19(1)(c)Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art. 19(1)(d)Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art 19(1)(f) Kap 255;

Peress illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur Art 19(1)(g) Kap 255;

Peress illi wahda mill-partijiet ghalkemm mhux interdetta jew marida b' mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex tinholoq kunsens ghaz-zwieg Art 19(1)(h) Kap 255;

Peress illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza – l-attrici giet ingannata mill-konvenut meta hi kienet dipendenti fuq id-droga. Il-partijiet qatt ma ghexu flimkien u telqu lil xulxin ezatt wara c-cerimonja taz-zwieg. L-attrici kienet dak iz-zmien dipendenti fuq id-droga u fil-fatt issa qed timxi l-quddiem taht l-istruzzjoni tal-Caritas u ta' psikologista. Il-partijiet qatt ma ikkonsumaw dan iz-zwieg li sar biss bir-rit civili. L-attrici lanqas biss taf lix-xhieda li gew prezentati mill-konvenut u ma avzat lil hadd biz-zwieg, lanqas lil ommha.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' April 2004 huwa null ai termini tal-Art 19(1)(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa ghal kull effett tal-ligi validu kif ser jigi pprovat tul il-mori tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' April 2004 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi kollha indikati fl-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li z-zwieg huwa validu.
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi taghtiha affidament.

Illi ghalkemm l-konvenut kien inghata l-opportunita' biex jixhed dana baqa' ma xehedx u lanqas prezenta affidavit.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-attrici, li f' dak iz-zmien kellha problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga, izzewwget lill-konvenut, persuna ta' nazzjonalita' Libjana, fl-14 ta' April 2004 bl-iskop <u>uniku</u> sabiex hi takkwista s-somma ta' flus offerta lilha, u ma kellha ebda intenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali mal-konvenut. Di fatti hija tghid li qatt ma kien hemm namur bejniethom,

qatt ma ghexu flimkien, u li qatt ma sar l-att taz-zwieg. L-attrici temfasizza l-fatt li f’ dak iz-zmien hija kellha bzonn il-flus biex takkwista d-droga peress li kienet tossiko-dipendenti. Hija tispjega li rceviet is-somma ta’ Lm2,000, u ezatt wara li gie kkuntrattat iz-zwieg il-konjugi telqu ghar-rashom.  Iz-zwieg ma giex kkonsumat.

Il-Qorti tosserva li l-versjoni ta’ l-attrici ssib konfort fix-xhieda ta’ Nancy Scerri, Counsellor mal-Caritas, li fl-affidavit taghha, wara li kkonfermat li f’ dak iz-zmien l-attrici kienet dipendenti fuq id-droga, tghid: “.. waqt session qaltli [l-attrici] li zzewwget u li zzewwget ghax kellha bzonn il-flus. Fil-fatt kienet upset dakinhar. Qabel qatt ma kienet qaltli li kienet gharusa jew li kellha hsieb li tizzewweg.” [fol.19].

Fil-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat, da parti taz-zewg partijiet.

In tema legali jinghad  li kif osservat din  il-Qorti fil-kawza PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza  9.12.2002, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995;  Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996] .*

Fil-kaz odjern jirrizulta car li, ghalkemm esternament l-attrici ghaddiet minn cerimonja ta’ zwieg, internament hija b’ att posittiv tal-volonta’ taghha eskludiet mhux biss obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda anke z-zwieg fih innifsu. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hija kienet deciza li ma tghix mal-konvenut, u di fatti ezatt

wara c-cerimonja hija telqet lill-konvenut u marret tghix ghand ommha filwaqt li ma tafx fejn kien mar il-konvenut.

Illi fic-cirkostanzi, kemm minhabba l-fatt li l-konvenut ta lill-attrici somma ta’ flus biex taccetta li tizzewwgu, kif ukoll il-fatt li ma kienx hemm namur qabel iz-zwieg, u l-partijiet qatt ma kellhom x’ jaqsum flimkien lanqas wara z-zwieg, kif ukoll il-fatt li ezatt wara li gie kkuntrattat iz-zwieg, iz-zewg partijiet tlequ ghar-rashom; dawn il-fatti jwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien konxju tal-fatt li dan kien zwieg ta’ konvenjezna u xejn aktar, u ghalhekk tassumi validita’ l-konsiderazzjoni li anke hu zzewweg bl-iskop uniku li jkun jibqa’ Malta, u forsi jahdem hawn ukoll; u li ma kellux l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewwga ma’ l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ April 2004. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------